KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 8**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Mario Calleja
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Baldacchino
Antoine Vassallo
Carmen Borg

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bonello
Maria Mallia

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **08.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 08.02.01 | Ix-xogħlijiet fi Triq Ġużè Maria Camilleri, għadhom fl-istess stat, ma kienx hemm żviluppi. |
| 08.02.02 | Fuq Pjazza 7 ta' Ġunju għadu kollox kif kien. Bħala kunsill għadna qed nistennew li ssir il-grada li tkun akbar u li jkun hemm il-kameras. |
| 08.02.03 | Rigward l-applikazzjoni ħabba l-*obstical course* fil-Liċeo se tkun qed tiddaħħal l-applikazzjoni għall-fondi tal-Planning Authority. |
| 08.02.04 | Rigward il-parkeġġ fil-liċeo jista' jibda jintuża, għax hemm il-permessi kollha meħtieġa. Bħala kunsill ħdima wkoll xi materjal pubbliċitarju bħal video u *social media posts*. Bdew ukoll il-laqgħat biex jibda l-proċess biex ikun hemm il-parkeġġ aċċessibbli fl-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli – Ex Maria Assunta. Hemm xi rqaqat li qed jiġu diskussi, però hekk kif dawn jitranġaw din l-iskola tkun tista' tibda tintuża wkoll. Is-Sindku qal li nħallu ftit żmien u nibdew id-diskussjonijiet għall-iskola tal-Blata l-Bajda. Huwa qal li mportanti li din l-iskola tinfetaħ għax fl-opinjoni tiegħu din hija l-aktar skola li għandha tkun miftuħa għall-pubbliku. Sintendi hemm proċess li rridu nistennew bit-tama li din l-iskola tinfetaħ ukoll. |
| 08.02.05 | Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Atoċja, is-Sindku nforma lill-kunsillieri li ltaqa mal-Perit biex ikunu jistgħu jinġiebu l-fondi. Jidher li l-ispiża se tkun waħda li tasal sa €350 elf, filwaqt li bħala fondi se nkunu ntitolati €250 elf. Se tintbagħat l-applikazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin peress li din tinvolvi ħafna xogħol fost l-oħrajn li jrid isir survey taż-żona. Huwa qal li peress hemm diskrepanza ta' €100 elf, li f'każ li ma naslux għalih, se nippruvaw napplikaw għall-fondi mill-*Planning Authority Funds*, biex ikopri din is-somma. |
| 08.02.06 | Ix-xogħol fuq in-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa, mixi tajjeb ħafna u qed jitwaħħlu l-ħitan tas-sejjieħ u daqt ukoll se tibda tiġi finalizzata l-funtana. Is-Sindku qal li permezz ta' dan ix-xogħol din in-naħa ngħatat dehra ħafna isbaħ u jidher li x-xogħol huwa wieħed tajjeb. |
| 08.02.07 | Fuq il-bandli ta' Anton Buttigieg għadna qedin nistennew. Ma kienx hemm żviluppi. |
| 08.02.08 | Rigward il-festi tal-Milied, it-tiżjin lest kullimkien, kemm fi Triq il-Kbira u kif ukoll fin-naħat tal-Kunċizzjoni. Is-Sindku qal li nnota li kien hemm aktar kooperazzjoni min-naħa tal-ħwienet tal-Kunċizzjoni milli tan-naħa ta' Triq il-Kbira. Fil-fatt kien hemm tlett ħwienet li remaw huma l-armar tagħhom, filwaqt li fuq in-naħa ta' Triq il-Kbira kulma ħallsu s'issa xi ħamsa jew tmienja. |

08.02.09 Issemma l-punt li kien hemm persuna b'van tbigħ il-ħaxix fejn talbet li tarma tal-Milied. Huwa ma ngħatax il-permess għax dan li ried jagħmel hu li jagħmel ismu bid-dawl. Dan seta' qala issue ta' *health and safety* u kif ukoll mhux possibbli li vann tal-ħaxix jarma daqshekk.

08.02.10 Il-Kunsillier Mario Calleja staqsa għalfejn, it-triq biswiet il-Knisja tal-Kunċizzjoni ma tkunx armata kollha l-istess. Fuq dan is-Sindku qali li dan jiġri peress li hemm żewġ ħwienet ewlenin li qed jermaw a spejjeż tagħhom. Fuq dan ukoll, is-Sindku qal li bħala kunsill nieħdu ħsieb l-armar sal-pjazza, filwaqt li tal-Ħamrun Liberty jieħdu ħsieb mill-pjazza l-isfel. Huwa qal ukoll li n-naħa tal-Kunċizzjoni l-armar sar tard għall-fatt li kien hemm l-armar tal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

08.02.11 Is-Sindku qal li din is-sena il-kunsill ħaseb li jarma ftit il-fanali tat-triq li jammonta għall-wieħed u ħamsin. L-idea kienet li jkun hemm bħal girlanda tal-Milied però dawn kienu għoljin. Għalhekk inxtraw stilel biex b'hekk xorta jkun hemm tiżjin fuqhom. Fuq dan il-punt kien hemm diskussjoni libera bejn il-kunsillieri, biex forsi nsibu mod kif isiru girlandi ġoddha u anke jkun hemm aktar kooperazzjoni mill-ħwienet. Fuq din, is-Sindku ukoll wera id-diżappunt tiegħu għalfatt li ma kienx hemm daqstant għajnuna mingħand tal-ħwienet, kif kien mixtieq.

08.02.12 Il-Viċi Sindku qal li kellu ilment li kien hemm xi stilla/stilel li kienet stilla tal-Marokk. Però jidher li dawn jinsabu fuq in-naħa ta' isfel mill-kumpless tax-xiri.

08.02.13 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li naħsbu aktar fuq long term, biex ikollna tiżjin isbaħ fil-pjazza tagħna. Huwa mportanti li nibdew naħsbu minn qabel. Fuq dan tqajmet diskussjoni fuq il-possibilità li jkun hemm *Christmas market.*

08.02.14 Kien hemm diskusssjoni fuq li tkun ħaġa sabiħa li fl-armar tal-Milied nibdew naħsbu minn issa, fejn anke nibdew ninvolvu l-għaqdiet, fejn dan anke jista' jwassal li norganizzaw attività li anke tista' tinkludi xi rekord nazzjonali. Fuq dawn il-punti u l-involviment tal-għaqdiet kien hemm diskussjoni libera.

08.02.15 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li f'Jannar se jibda x-xogħol fuq ix-xelters.

08.02.16 Il-kunsillieri ġew infurmati li l-applikazzjoni għall-fondi tal-karnival ġiet sottomessa.

08.02.17 Dik il-persuna li talbet kumpens relatat ma' ħsara fit-tyre tħallset, l-ispiża ta' nofs tyre.

08.02.18 Is-Sindku u l-kunsilliera Maria Baldacchino, iltaqgħu maċ-Chinese Cultural, fejn dawn laqgħu ħafna u urew ix-xewqa li ssir attivata flimkien. Dawn taw rigal lill-kunsill u se jkunu qed jerġgħu jitkellmu wara l-festi tal-Milied. Il-kunsilliera Baldacchino qalet li kienet laqgħa kordjali ħafna fejn din l-attività

flimkien għandha l-għan li tkun waħda li ssir b'mod regolari u li tilħaq ħafna nies.

08.02.09 Is-Sindku fakkar fuq il-festin tal-Milied bejn l-istaff u l-kunsillieri. Tkun ħaġa sabiħa li kulħadd jattendi.

**08.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.03.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se tkun se tinħareġ vakanza ġdida fuq Skala 14. Din apparti l-vakanza li kienet tiġa pjanata li ssir, fejn irċivejna lista mingħand il-*jobs plus* u għandhom isiru intervisti aktar tard f'Jannar.

**08.04 Korrispondenza**

08.04.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera rigward il-*performance* bonus tal-istaff li se jkun qed jingħata fl-inter tiegħu, jiġifieri 6%. Dan dejjem jingħata l-*full*. Huwa qal li kuntent però hemm xi nuqqasijiet u li hemm bżonn jitranġaw xi affarijiet fosthom li l-istaff ma jmurx korsijiet, li jikkomunikaw aħjar, fost punti oħra. Se tkun qed issir *check list* ta' dak li hu mistenni minnhom. Din il lista se tkun qed tinżamm mis-segretarju eżekuttiv, fejn dawk il-punti li ma jitrangawx, dawn jistgħu jaffettwaw il-*performance bonus*. Il-kunsill approva l-*performance* bonus għas-sena 2024.

08.04.02 Is-Sindku informa l-kunsilleri li qed jingħalaq l-audit tas-sena 2021 fejn dan ġie preżentat waqt il-laqgħa. Huwa qal ukoll li bħala lokal instmajna mill-awditur ġenerali li għandna lura però bħalissa qed isir ħafna xogħol biex niġu *up-to-date*. Għalkemm ingħaqlet is-sena 2021, ma jfissirx li it-tranżizzjonijiet ma ninsabux *up-to-date*. Filfatt f'dawn ninsabu *in order* sal-2023. L-audit tal-2022 se tibda f'Jannar u wara nkomplu biex niġu kif suppost.

08.04.03 Rigward l-audit tal-2021 huwa qal li huwa wieħed sodisfaċenti, però qal li fost in-noti li għamlu kien hemm waħda li hija diżappuntanti fejn qalu li jinsabu mħassbin, għax m'hawnx staff li huwa kwalifikat fl-accouts. Huwa qal li għalhekk hemm bżonn xi ħadd ta' ċertu livell li jagħmel ċertu xogħol. Huwa qal li f'dawn l-aħħar tlett snin saru investimenti kbar fil-Ħamrun, li huma ukoll elenkati fl-audit tal-2021 u anke f'dawn li ġejjin.

08.04.04 Is-Sindku qal li r-Reġjun ta' Nofsinhar se jkun qed joħroġ kwotazzjoni relatata mad-dwal fit-toroq. Dan it-tender se jkun ma' kunsilli oħra, fejn kulħadd juża s-servizz ta' dan il-kuntrattur. Il-kunsill qabel li nkunu parti minn dan it-tender.

08.04.05 Is-Sinku informa l-kunsill bl-allokazzjoni li huwa ntitolat il-kunsill. Kopja ta' dan id-dokument huwa mehmuż ma' dawn il-minuti. Fuq dan kien hemm diskussjoni libera fejn is-sindku spjega kull punt.

08.04.06 Għal sena oħra The Notebook Centre, se jkun qed joffri servizz ta' assistenza lill-Ħamruniżi fejn jidħlu komputers. Dan jitħallas l-ammont ta' €5k. Il-Kunsill qabel u approva li dan il-kuntratt jiġġedded.

**08.05 Roof Garden**

08.05.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li bdiet it-tieni l-fażi tar-Roof Garden, bit-tama li sa nofs l-2025 dan jitlesta u jinfetaħ. Huwa qal li huwa mportanti li dan iridu naħdmu sew għalih għax se jkun l-akbar spazju miftuħ fil-Ħamrun. Huwa qal li huwa mportanti li nkunu attenti biex nevitaw ċertu issues li jistgħu jagħmlu xi ħsara. Huwa qal ukoll li huwa mportanti li jiġu organizzati attivitajiet regolari biex ikun ħaj kemm jista' jkun. Saret diskussjoni libera a bażi li dan il-ġnien ikun suċċess u jkun mimli bin-nies b'mod regolari.

**08.06 Attivitajiet**

08.06.01 Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss jibda jiġi diskuss il-karnival u kif ukoll jekk fix-xhur li ġejjin hux se terġa ssir l-attività ta' Ċiki Ċiki Ċu. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-ewwel naraw x'risposta se jagħtu iċ-ċiniżi. Fuq dan il-punt issemmet id-data tas-26 ta' Jannar għall-attività li jmiss ta' Ċiki Ċiki Ċu. Fuq l-attivitajiet is-Sindku enfasizza l-importanza li naħdmu ħafna fuqhom u bis-serjetà u li nkunu pro attivi.

**08.07 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

08.07.01 Il-Kunsilliera Carmen Borg qalet li l-weekend break kien suċċess u li hemm il-ħsieb li jsiru diversi attivitajiet oħra. Hi qed tipproponi jekk ma jsirux il-festini tal-Milied, li jsiru attivitajiet oħra fosthom *buffet breakfast*.

08.07.02 Il-Kunsill Dr Antoine Vassallo fakkar biex naraw x'risposta hemm fuq il-by-law.

08.07.03 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Vassallo biex jieħu nota tal-emails li qed jibgħatlu relatati ma' fondi Ewropej, bit-tama li naħdmu aktar fuqhom.

08.07.04 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino ġibdet l-attenzjoni fuq parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fil-Ħamrun. Jidher li ta' min hu dan il-parkeġġ xorta qed jipparkja fi spazju pubbliku ieħor. Fuq dan kien hemm diskussjoni libera fejn is-Sindku qal li tkun idea tajba li bħala kunsilliera jiktbu lill-Transport Malta f'isimhom personali.

08.07.05 Il-Viċi Sindku qal li Triq Willie Attard qeda tkun bla dawl.

08.07.06 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li l-kumpanija li ġġib iċ-ċilindri tal-gass għandu problema biex jitla it-tela ta' Triq Atoċja (ir-rampa). Huwa qal jekk hemmx ċans li jitla *one-way* f'ġurnata waħda fil-ġimgħa. Saret diskussjoni libera fuq dan il-każ, fejn din it-talba ma ġietx approvata.

08.07.07 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li hemm xi anzjani fi Triq Danny Cremona fejn ilmentaw li t-tarġa għoliet fejn dawn qed jitlobu li ssir tarġa. Però s-Sindku fuq dan qal li bil-liġi l-bankina trid tkun ta' 1.2 metri.

**08.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

08.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 13.2024 ġiet approvata mill-Kunsilliera Carmen Borg u sekondat mill-kunsillier Dr Antoine Vassallo.

**08.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 15 ta' Jannar 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv